



24.6.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0126/2010, imressqa minn C. B., ta' nazjonalità Ġermaniża, dwar in-nuqqas diżonorevoli ta' provdiment ta' postijiet għall-klassi ekonomika tal-passiġġieri tal-ajru

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta toġġezzjona għal dak in-nuqqas, li hi tqisu diżonorevoli, ta' provdiment ta' postijiet għal turisti jew passiġġieri tal-ajru tal-klassi ekonomika, u tindika li passiġġieri li għandhom tul jew piż oġġla mill-medja huma sfurzati jixtru biljetti (premium economy jew business class) aktar għaljin. Hi tqis li din hija diskriminazzjoni kontra vjaġġaturi li 'mhumiex fil-medja' u ssostni li l-provdiment ta' postijiet ristrett ħafna mhux talli huwa skomdu iżda wkoll ma jagħmilx ġid għal distanzi twal, u għaldaqstant qed tfitteż dispożizzjonijiet Ewropej dwar l-ispazju minimu ta' postijiet fuq l-ajruplani.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-4 ta' Mejju 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Il-Kummissjoni hija konxja bl-għadd li dejjem jiżdied ta' passiġġieri li jilmentaw dwar in-nuqqas ta' kumdità kif ukoll l-effetti potenzjali tas-saħħa marbuta mal-ispazju dejjaq bejn ir-ringieli tal-ajruplan.

Il-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea tinkludi regola relatata mas-sikurezza li tistabbilixxi li l-konfigurazzjoni ta' kull kabina għandha tiġi approvata mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza

tal-Avjazzjoni (EASA) fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003¹, u għandha tkun konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza, li jinkludu standards għall-evakwazzjoni f'90 sekonda f'każ ta' emerġenza. Id-disinjaturi tal-ajruplani jikkonformaw ma' dawn l-istandards billi jużaw firxa ta' bijometrika li tintuża wkoll f'oqsma oħra.

Id-dimostrazzjonijiet ta' evakwazzjoni ta' emerġenza u l-istudji riċenti mwettqa għall-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) urew li spazju akbar fil-kabina ta' ajruplan jista' ma jkunx l-aħjar għażla sa fejn huma kkonċernati l-fluss tal-passiġġieri u l-ħeffa tal-evakwazzjoni.

Fir-rigward tas-saħħa tal-passiġġieri, l-istudji mwettqa sa issa ma wrewx li hemm xi rabta każwali diretta bejn l-inċidenti mediċi li seħħew fuq l-ajruplan jew wara titjira, bħalma hija t-trombożi fil-vini profonda, u l-ispazju bejn il-postijiet.

Fil-kuntest tad-drittijiet tal-passiġġieri, il-Kummissjoni Ewropea dan l-aħħar nediet konsultazzjoni mal-pubbliku dwar il-problemi eżistenti u l-aħjar soluzzjonijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tad-Drittijiet tal-Passiġġieri tal-Ajru. Għalkemm mhux koperta minn din il-leġiżlazzjoni, il-konsultazzjoni tinkludi wkoll mistoqsija dwar l-ispazju bejn post u ieħor billi l-Kummissjoni qed issegwi kontinwament il-prattiki attwali tan-negozju stabbiliti mill-industrija li jista' jkollhom impatt fuq id-drittijiet tal-passiġġieri u għaldaqstant jistħoqqilhom l-attenzjoni tal-leġiżlatur.

Fil-konsultazzjoni mal-pubbliku, il-Kummissjoni titlob ġentilment lill-partijiet interessati biex jesprimu l-opinjoni tagħhom fir-rigward ta' kwalunkwe ħtieġa possibbli għal aktar regolazzjoni dwar il-kwistjoni, anke permezz ta' ftehimiet volontarji bejn il-kumpaniji tal-ajru. Il-perjodu biex tingħata risposta skada fl-1 ta' Marzu 2010. Il-Kummissjoni qed tevalwa r-risposti li waslu u biħsiebha tippreżenta r-riżultat qabel is-sajf.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni hi tal-fehma li l-informazzjoni li attwalment għandha għad-dispożizzjoni tagħha mhix biżżejjed biex tiġġustifika r-rekwiżit li rreferiet għalih il-petizzjonanta fil-qafas tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni.

Il-konsultazzjoni mal-pubbliku fil-qasam tad-drittijiet tal-passiġġieri li nediet il-Kummissjoni m'għandhiex tippreġudika l-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar dan is-suġġett.

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatati jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6–79.